TAGħRIF STORIKU

minn Mons. Prof. Arturo Bonnici

# L-IMNISSLA MINGHAJR TEBGHA

**Nhar it-Tlieta, il-festa tal-Kunċizzjoni. Illum ser nibda b'lezzjoni dommatika qasira fuq dik il-verità. Fit-8 ta' Diċembru 1854, il-Papa Piju IX iddefinixxa li l-Madonna, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, kienet meħlusa mit-tebgħa oriġinali, bis-saħħa tal-merti minn qabel ta' Ġesù Kristu, li kellu jitwieled minnha.**

Għalkemm din id-definizzjoni saret biss mija u sittax-il sena ilu, dan ma jfissirx li din kienet xi verità ġdida tal-Fidi Nisranija. Ibbażata fuq il-pass ta' l-Iskrittura (Ġenesi 3, 15), li jgħid li mara (Marija) u nnisel tagħha (Ġesù) kellhom jirbħu lid-demonju, xi Santi Padri sostnew dik il-verità u kitbu li, kif Adam u Eva saru lsiera tax-xitan bid-dnub tagħhom u ġiebu rvina fid-dinja, hekk Kristu u Marija bil-grazzja rebħu lix-xitan u ġiebu s-salvazzjoni lill-bnedmin.

Is-Santi Padri jaraw ukoll dak il-privileġġ ta' Marija fit-tislima ta' l-Arkanġlu: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja", li tfisser li f'Marija hemm qdusija sħiħa, mingħajr ebda limiti ta' żmien.

### Festa qadima

Għalhekk, sa mis-seklu sebgħa, insibu l-festa ta' l-Immakulata fil-Knisja tal-Lvant u mis-seklu disgħa f'dik tal-Punent; l-ewwel f'Napli, imbagħad fl-Ingilterra u l-Irlanda u fl-aħħar f'pajjiżi oħra ta' l-Ewropa. L-aqwa difensur ta' din il-verità kien l-għaref franġiskan Duns Skotu (†1308), li ġibed l-argument tiegħu minn dis-sentenza: *Decuit, potuit, ergo fecit*, li tfisser: Kien xieraq li Omm Ġesù titnissel bla tebgħa ta' dnub; Alla seta' jagħtiha dak il-privileġġ; għalhekk Huwa tahulha. Din il-verità iddefinixxa Piju IX fis-sena 1854. Erba' snin wara, il-Madonna ikkonfermat dik id-definizzjoni, meta qalet lil Bernardina f'Lourdes: "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni".

### Hawn Malta

Sa hawn il-lezzjoni! Issa ngħaddu għalina. Ma nafux meta d-devozzjoni lejn l-Immakulata daħlet Malta. Nistgħu biss ingħidu li hija qadima ħafna, kif juru l-għadd kbir ta' knejjes, kappelli, oratorji, niċċ u triqat imsemmija għaliha fil-bliet u r-rħula l-aktar qodma. Fil-postijiet li se nsemmu nafu li hemm Knisja taħt dak it-titlu: Rabat (Wied Gerżuma), il-Furjana (Sarria), Birżebbuġa (Bengħajsa); Bormla (il-Parroċċa), l-Imsida (il-Wied), San Ġiljan (Spinola), iż-Żurrieq (in-Nigret), il-Mosta (Ta' Qali), il-Ħamrun (Villambrosa) li saret parroċċa fl-1967, St. Andrews u Qala, f'Għawdex.

### Il-Ferris isemmi oħrajn

Minn dawn il- knejjes kollha, żgur li l-iżjed waħda importanti hija dik ta' Bormla, li qabel kienet dedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Fis-sena 1584 saret parroċċa u fis-sena 1822 ġiet merfugħa għal Kolleġġjata.



*Il-kwadru tal-Kunċizzjoni f'Bormla.*

### Id-Devozzjoni tal-Bormliżi

Hija magħrufa ma' Malta kollha d-devozzjoni tal-Bormliżi lejn il-Madonna, speċjalment taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni. L-inkoronazzjoni solenni tal-kwadru tal-kor fl-1905 mill-Kardinal Legat Duminku Ferrata; il-pellegrinaġġ kbir u devot li sar bl-istatwa minn Birkirkara għal Bormla wara l-gwerra; il-festi kbar li għamlu fl-1955 biex jiċċelebraw għeluq il-mitt sena mid-definizzjoni ta' l-Immakolata, bl-inkoronazzjoni ta 'l-istess kwadru bi stellarju mill-Kardinal Federico Tedeschini; ir-rikkezza ta' l-istatwa sabiħa, opra tal-magħruf skultur Bormliż Marjanu Gerada, u d-dekorazzjonijiet tal-knisja, huma kollha xhieda l-aktar ċara ta' l-imħabba tagħhom lejn il-Madonna. Jalla din id-devozzjoni tagħhom ma tintefa qatt ġo qalbhom. Jien nawguralhom mill-qalb li t-tlitt ijiem li jimmarka b'sugħajh il-Papa Piju IX ikunu għalihom tlitt ijiem ta' bnazzi u ta' ferħ spiritwali, mhux tlitt ijiem ta' xita, kif konna ninkuhom (mhux nixtiqulhom), meta konna żgħar; għax, wara kollox, ingħid għalija, ix-xita fil-jiem ta' dik il-festa ma kontx nixtieqha, għaliex kont inħobbha dik il-mawra sa Bormla dak in-nhar li jtellgħu l-Papa u nhar il-festa. U mela l-Bambina u l-Kunċizzjoni m'humiex l-istess Madonna? Kemm għidt *Salve Regini* quddiem il-Kunċizzjoni sabiħa li hemm ġon-niċċa fis-sagristija ta' l-Isla, maħduma hija wkoll mill-imsemmi "Mariano".

### Ġieh lil "Mariano"

U la darba qegħdin insemmu lil Mariano, għax iddiskors bħaċ-ċirasa, ħalli nfakkru li din is-sena dan l-iskultur, li għamel unur lil Malta bix-xogħlijiet tiegħu, jagħlaq 200 sena mit-twelid tiegħu. Ikun xieraq, għalhekk, illi l-Bormliżi, għallinqas matul is-sena li ġejja, ifakkru kif xieraq lil dak l-artista kbir, billi jgħarrfuh lil-ġenerazzjoni li tielgħa permezz ta' konferenzi u bis-saħħa ta' xi mostra, jekk jista' jkun, tal-mudelli ta 'l-opri tiegħu mxerrdin mal-gżejjer tagħna.

Issa nħallu lil Bormla tgawdi l-festa tagħha, u ngħidu xi ħaġa fuq dik il-knisja ċkejkna, hija wkoll tal-Kunċizzjoni, li hemm il-Furjana, imsejħa ta 'Sarria, għat-twajjeb Kavallier Fra Martino de Sarria, spanjol minn Navarra, li bena hemmhekk l-ewwel kappella fis-sena 1585.

### Il-Knisja ta' Sarria

Meta, 90 sena wara, il-pesta bdiet teqred f'Malta ħafna nies, il-Gran Mastru Rafel Cottoner flimkien mal-Kunsill ta 'l-Ordni għamlu wegħda li, jekk il-Madonna teħlishom minn dak il-flaġell, itellgħulha kappella, isbaħ minn dik li kellha hemmhekk. Il-Madonna semgħethom u fl-1678 telgħet il-kappella l-ġdida ,akbar u isbaħ minn ta' qabel, fuq id-disinji ta' l-arkitett Malti Lorenzo Gafà. Dik il-knisja tonda hija magħduda bħala ġawhra ta' arkitettura ekklesjastika.

Barra mis-sbuħija arkitettonika, f'din il-knisja wieħed jista' jammira xogħlijiet sbieħ tal-magħruf pittur Mattia Preti — *il-kalabriż*. Dawn huma l-kwadru ta' fuq l-artal maġġur bil-Kunċizzjoni, iż-żewġ nofs tondi b'San Mikiel Arkanġlu u San Ġwann Battista u l-erba' qaddisin protetturi kontra l-pesta: San Sebastjan, Santu Rokku, Santa Rożalija u San Nikola.

Fil-wegħda tagħhom, il-Kavalieri żiedu li jagħmlu, ta' kull sena, proċessjoni minn San Ġwann ,il-Knisja Konventwali tagħhom, għal din il-Kappella. U dik il-proċessjoni bdiet issir kull sena fil-festa tal-Kunċizzjoni. Għalkemm l-Ordni spiċċa minn Malta, il-proċessjoni votiva baqgħet issir. Dari, iċ-ċelebrant kien iġorr xbieha ta' Madonna fuq pedistall żgħir indurat, li wara għandha wiċċ Kristu. Minn wara l-inkoronazzjoni tal-Madonna ta' Caraffa 'l hawn, li saret fis-sena 1954, bit-tħabrik ta' Mons. Teżorier Pawlu Buttigieg, f'dik il-purċissjoni erba' qassisin bil-pjaneti bdew imexxu karru bil-kwadru li semmejna immuntat fuq gwarniċ sabiħ tal-fidda, u warajhom jimxi ċ-ċelebrant. L-Arċisqof jakkumpanja wara nett: sa ftit żmien ilu bil-kappa manja bil-kuda u b'kappell aħdar bil-faldi kbar, imsejjah *galero*

**Il-Kunċizzjoni f'Bormla**

### Il-pjaneta kaħla

F'dik il-purċissjoni ngħaddu darbtejn minn quddiem il-knisja ta' San Franġisk ta' Putirjal kif insejħulha. Hemmhekk ukoll il-Patrijiet Konventwali, sa mill-qedem jiċċelebraw solennement il-festa tal-Kunċizzjoni, li fiha kienu jieħdu sehem ukoll xi kavalieri. Minħabba din issolennità, żmien ilu ,ingħatalhom il-privileġġ li dak in-nhar tal-festa ċ-Ċelebrant ixidd pjaneta ċelesti — il-kulur tal-Madonna.

Fil-21 ta' Ġunju 1637, taħt l-Isqof Mikiel Ġwanni Balaguer Camarasa, twaqqfet f'dik il-Knisja l-Arċikonfraternita tal - Kunċizzjoni, waħda minn xi 8 fratellanzi f'Malta ta' dak l-isem. Kienet dik l-Arċikonfraternita li ħabirket ħafna biex f'għeluq il-50 sena mid-definizzjoni ta' l-Immakulata, isir monument nazzjonali b'tifkira ta' dik il-ġrajja; u bi flus miġbura minn Malta kollha għamlet l-istatwa tal-Madonna li hemm fil-faċċata tal-Knisja ta' Santa Barbra, il-Belt.

### Il-Madonna tad-Deheb

Dak il-monument tal-metall indurat, twil mal-10 piedi, maħdum f'Pariġi, jirrappreżenta lill-Madonna Immakulata tgħaffeġ ras isserpent u taħt riġlejha l-qamar u d-dinja sostnuta missimboli ta' l-4 evanġelisti — kopja fidila tal-Madonna li Piju IX waqqaf fi Piazza di Spagna ġo Ruma, wara d-definizzjoni tad-domma. Il-monument għandu bażi bi 8 faċċati ta' rħam abjad, maħduma mill-iskultur Ġużeppi Buhagiar tal-Ħamrun.

Fil-għodwa tal-kxif ta' dak il-monument, il-Ħadd, 4 ta' Diċembru 1904, il-Belt

*(Jkompli fil-paġna 8)*

## L-IMNISSLA MINGHAJR TEBGHA

*(Jkompli mill-paġna 4)*

kellha dehra ta' festa kbira: id-djar u l-ħwienet ta 'Strada Rjali kienu kollha mżejjna mill-aħjar. It-temp kien ftit imċajpar, iżda beda jiċċara, sakemm fil-11.00 a.m., il-ħin li kellha ssir il-funzjoni, ix-xemx feġġet tiddi f'sema kollu kaħlani. L-Arċisqof Pietru Pace ħareġ mill-Knisja ta' San Ġwann proċessjonalment għall-Knisja ta' Santa Barbra, fejn ġie milqugħ mir-Rettur tal-fratellanza ta' dik il-Qaddisa u mill-Kumitat Promotur tal-monument. Meta daħal il-Knisja, l-Imħallef Pawlu Debono indirizza lin-nies miġmugħin b'rassa kbira minn fuq pulptu fil-bieb tal-Knisja. Wara d-diskors, l-Arċisqof mar fuq tribuna mhejjija apposta quddiem il-Knisja. Il-President effettiv — promotur u benefattur ta' dik l-opra — in-Nutar Pietro Bartoli, il-papà ta' l-Editur tal-"Leħen", qara quddiem in-Nutar u x-xhieda l-att tal-għoti ta' l-istatwa lill-Arċisqof. Dan imbagħad ħeġġeġ lill-poplu u, wara li ta sinjal inkixfet l-istatwa bid-deheb tagħha jleqq firraġġi tax-xemx maltija. In-nies infexxet f'entużjażmu l-aktar kbir, ta' għajjat ta' ferħ, ta' ċapċip ta' idejn, ta' bews 'il fuq lejn il-Madonna, waqt li l-bnadar taċ-ċirkoli u tal-każini tbaxxew quddiemha b'sinjal ta' tislima. Mal-50 tifel u żagħżugħ ta' l-Istitut ta' San Ġakbu kantaw b'leħen ħelu l-kant ta' *Tota pulchra* u ta' l-*Ave Maria*. L-Arċisqof bierek l-istatwa u ta 100 jum indulġenza lil min jitlob quddiemha.

### Il-Kunċizzjoni ta' l-Imsida

L-ispazju ma jippermettilix li nikteb aktar dwar il-Kunċizzjoni f'Malta; iżda nibża' li n-nies ta 'l-Imsida, fejn daż-żmien qed noqgħod, jagħmlu għalija u l-Kappillan idendilli geddumu jekk ma ngħid ebda kelma fuq il-knisja tal-Kunċizzjoni, li llum jieħu ħsiebha Dun Anton Abela. Dik kienet l-ewwel knisja ta' dak il-post minn qabel l-1575 u serviet ta' parroċċa, sakemm inbniet waħda akbar. Hija mħaffra fil-blat, bħall-kripti antiki. Fl-1640 reġgħet inbniet u ssuktat tit-kabbar b'kappella u sagristija fil-ġenb. Id-dar li kellha magħha għar-Rettur iġġarrfet fil-gwerra: għadu biss jidher it-taraġ li kien jieħu mill-knisja għaliha. L-aqwa Benefatturi tagħha kienu: il-Balliju Filippu Wolfgang Guttenberg, li għandu ismu mgħaqqad mal - famuża Għajn tal-Hasselin, mhux 'il bogħod mill-Knisja; Dionisju Fumagalli, li kien jieħu ħsieb sewwa ta' dik il-knisja u żidilha l-parapett quddiemha; u ibnu Antonju li għamel l-istatwa li tinsab fuq l-artal. Hawnhekk nagħlaq, għax l-editur iqarrasli wiċċu, avolja faħħartlu lillpapà tiegħu.